-

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 ta' Jannar 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Hamsin (51) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2010 fil-5.30pm.**

Il-wiehed u hamsin (51) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011
6. Ghazla tal-Offerti : Stampar ta' Permessi tal-Iskema ta' Parkeġġ Residenzjali
7. Ghazla tal-Offerti : Dawl Dekorattiv tal-Milied fi Triq/Pjazza Sant'Anna
8. Ghazla tal-Offerti: Drittijiet Esklussivi għal bejgħ ta' xorb u ikel f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena
9. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna
10. Lejlet l-Ewwel tas-Sena
11 Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018
12. Impjieg ta' Skrivan (Corporate and Events Support Coordinator)
13. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Premju ir-Resident tas-Sena Anthony Piscopo
15. Asfaltar ta' toroq.
16. Jum il-Housing
17. Restawr tal-Monument ta' Dante Alighieri
18. Ħwejjeg Oħra
19. Aġġornament tal-laqgħa

Ghal-Wiehed u Hamsin (51) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**
**Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru. 2.8.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsin (50) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minn membri tal-istaff tac-Centru tas-Sahha li kienu avvicinawh dwar il-hmieg li kien hemm fil-vicinanzi tac-centru. Is-Sindku talab lill-Kunsillier responsabbli mill-indafa biex jiehu azzjoni dwar dan.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-istat dizastruz li qeghdin fih il-konok tas-sigar li hemm bejn ic-Centru tas-sahha u l-Kunvent tal-Kapuccini. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jitnehhew ladarba jinsabu fi stat hazin u ta' periklu.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-grada tat-trunciera fi Pjazza l-Isqof FX Fenech kienet nieqsa u kienet qeghda ta' periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika sabiex ikun jista' jipprocedi biex jaghlaq din il-fetha bi gradilja.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-organizzaturi tac-Circo Martin fil-Floriana kienu taw ammont ta' biljetti *complimentary* lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn il-biljetti ghandhom jinaghtaw lill-iSkola Primarja biex jitqassmu lit-tfal.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bid-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Governanza Lokali rigward il-kaz tas-Sur Philip Attard li kien ikkontesta d-decizjoni tal-Kunsill li ma jinhargux permessi ta' gabbani waqt kuncerti li ttellghu matul is-Sajf. Is-Sindku kompla li l-avukat tas-Sur Attard kiteb lill-Kunsill biex jitlob kumpens talli skont il-Bord ta' Governanza il-Kunsill kellu johroglu permess. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lill-Bord tal-Governanza u lill-avukat tas-Sur Attard, wara li jkun ha parir legali minghand l-avukat tal-Kunsill.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand l-Environmental Landscape Consortium rigward xoghlijiet ta' zamma ta' soft areas fiz-zoni tal-Grand Hotel Excelsior u ta' Gnien Vilhena. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog sejha ghall-offerti ghaz-Zamma ta' Soft areas peress li dan il-kuntratt skada, u l-Kunsill iddecieda biex ma jgeddidx il-kuntratt halli fis-sejha l-gdida jdahhal iz-zona ta' Gnien Vilhena.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena ssuggerew li jigi jorganizzat Christmas Buffet konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill m'accettax dan is-suggeriment minhabba li din l-attivita' kienet wisq fil-vicin u qabel li ghandu jinformahom li ghalkemm fil-futur il-Kunsill mhux kontra li jorganizza attivitajiet konguntament maghhom, qabel ma' s-Socjeta Filarmonika Vilhena titlob li tigi organizzata xi attivita' maghhom, ghandhom jipprovdu rendikont tal-ispejjez pendenti li hemm fir-rigward taz-zjara tal-Banda f'Macerata.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn informaw lill-Kunsill bil-pjan li jerga' jittella' l-Oratorio San Publju is-sena d-diehla. Huma offrew lill-Kunsill biex l-Oratorio jigi organizzat konguntament maghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mas- Socjeta' Filarmonika Vilhena bhalma ghamel fil-kaz tal-gazzetta "il-Furjana" meta kienu resqu talba simili.

**Nota: 18:10 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand VISET Malta plc. fejn ilmentaw dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra partikolarment min-naha t'isfel tan-nizla tal-Kurcifiss sat-terminal tal-cruise liners. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Enemalta dwar dan.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-produzzjoni tal-programm *Hadd Ghalik* fejn offrew lill-Kunsill jghaqqad zewg gruppi mil-lokalita tieghu biex jiehdu sehem fil-programm. Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill li ma kienx ghad fadlilhom post ghax-xahar ta' Dicembru u ghalhekk propona li l-gruppi jintbaghtu fi Frar jew Marzu. Il-Kunsill qabel.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand ITS Ltd. ghal servizz ta' data inputting fil-fixed asset register. Il-Kunsill approva.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Transport Malta fejn talbu permess jinstallaw tliet *assembly points* fit-telgha ta' Sa Maison quddiem l-ufficcini taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li resident kien issuggerixxa li l-un/loading bay li hemm fi Triq il-Konservatorju titnehha minhabba li m'hemmx hwienet f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem man-negozji li hemm fil-vicinanzi jekk jaqblux li din titnehha u minflok issir ohra f'nofs Pjazza San Kalcidonju.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-*Rehabilitation Projects Office* fejn offra lill-Kunsill ammont ta' bollards ghal-lokalita' tal-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu parir minghand haddied professjonali dwar jekk ikunux jistghu issirlhom modifikazzjoni u issir l-arma tal-Floriana fuqhom.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Middlesea Group fejn talbu permess biex jitpogga gazebo ghal funzjoni li ghandhom fl-20 u fil-21 ta' Dicembru 2010. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn saqsew lill-Kunsill jekk jistax jiehu hsieb il-kiri ta' high-up biex isir l-armar ghall-harga tal-vara mill-Knisja nhar il-festa liturgika ta' San Publju. Il-Kunsill approva.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill jaghmel riklam fuq il-pagna ta' wara tal-pubblikazzjoni li ser tinhareg ghall-okkazzjoni tal-festa liturgika ta' San Publju. Il-Kunsill approva.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghan-nicca tas-Salvatur li hemm fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jara jekk din in-nicca tistax tigi devoluta lill-Kunsill.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn stiednu lill-Kunsill jattendi ghal attivita' li ser tigi organizzata u li matulha ser jitqassmu xi kotba u materjal iehor b'xejn. Il-Kunsill qabel li ghandhom jattendu l-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Edward Torpiano ghal din l-attivita'.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija lis-Sindku.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **46-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9172 sa 9188.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpaino ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9130 sa 9188, bir-rizultat:

Favur: 5 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta abbozz ta' l-estimi annwali u spjega li r-raguni ghalfejn kien ghad m'hemmx estimi annwali precizi kienet minhabba li l-Kunsill kien ghadu ma jafx kemm ser ikunu l-fondi li ser jghaddilu l-Gvern apparti l-fatt li kien ser ikun hemm bidla radikali fil-finanzi tal-Kunsill minhabba l-iskema ta' rinfurzar lokali li ser tigi introdotta s-sena d-diehla.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla li ser jerga' jipprezenta l-estimi annwali ghas-sena 2011 fil-laqgha li jmiss ghaliex sa dak iz-zmien ikollu informazzjoni aktar preciza.

5.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgha annwali tal-lokalita' ghandha ssir nhar l-20 ta' Jannar 2011 fis-7:15pm.

**Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.**

## 6.0 Ghazla tal-Offerti : Stampar ta' Permessi tal-Iskema ta' Parkeġġ Residenzjali

6.1 Il-Kunsill kellu offerta' wahda minghand Monpalaou Trading Ltd. Il-Kunsill qabel li fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla ghandu l-ewwel jivverifika jekk il-permessi jistghux jigu pprintjati wiehed wiehed qabel ma tittiehed decizjoni.

## 7.0 Ghazla tal-Offerti : Dawl Dekorattiv tal-Milied fi Triq/Pjazza Sant'Anna

7.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Lawrence Cassar bil-prezzijiet ta' €2900 u €700 fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla peress li kienet l-unika offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH,FD,ET,VB,SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

7.2 Il-Kunsil ghazel li jikkuntrattja is-servizz ta' dawl dekorattiv ghal Triq il-Mall u Triq il-Konservatorju (bil-prezz ta' €700 u l-mizata tal-Enemalta ghal meter temporanju).

## 8.0 Ghazla tal-Offerti: Drittijiet Esklussivi għal bejgħ ta' xorb u ikel f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena

8.1 Il-Kunsill qabel unanimament li tintghazel l-offerta' tas-Sur Daniel Attard bil-prezz ta'

€500, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla peress li kienet l-unika offerta' u ma kienx ghad fadal zmien biex terga' tinhareg sejha ohra.

## 9.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm risposta minghand il-kuntrattur li kellu jipprovdi l-materjal lis-Socjeta' Filarmonika Vilhena izda s-Segretarju wiegeb li dan kien ghadu ma wegibx bil-verzjoni tieghu dwar il-kaz.

9.2 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss biex b'hekk jinghata bizzejjed cans ghal risposta u biex tkun tista' tittiehed decizjoni finali dwar dan il-kaz.

## 10.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Pulizija kienu oggezzjonaw ghall-gheluq ta' Triq Sant'Anna minhabba li din hija triq arterjali. Huwa kompla jghid li ma jaqbilx ma din id-decizjoni u jhoss li l-gheluq ta' din it-triq mhux ser johloq diffikulta' minhabba li t-traffiku jista' jigi ddevjat minn tliet accessi ohra, fosthom Triq Sarria, Triq il-Kapuccini u t-telgha ta' Sa Maison.

**Nota: 19:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

10.2 Il-Kunsill ma qabilx mad-decizjoni tal-Pulizija minhabba li jhoss li mhux gusta ladarba Triq Sant'Anna tinghalaq diversi drabi matul is-sena f'attivitajiet bhall-Grand Prix de Malte, Karnival, loghbiet tal-football u l-*fun run* tal-President fost ohrajn fejn gieli anke damet 'il fuq minn gurnata maghluqa.

10.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-attivita' ma tistax issir fi Triq Sant' Anna ladarba kien hemm oggezzjoni min-naha tal-Korp tal-Pulizija dwar l-gheluq ta' din it-triq.

10.4 Il-Kunsill iddecieda biex xorta wahda jibqa' ghaddej bid-decizjoni tieghu li l-attivita' ssir fi Triq Sant'Anna peress li anke fis sena precedenti kien hemm oggezzjoni min-naha tal-Pulizija dwar l-gheluq tat-triq u mhux dwar l-attivita' nniffisha, u anke peress li l-attivita' kienet ittellghet xorta wahda fi Triq Sant'Anna u sahansitra kien hemm membri tal-Pulizija *on duty* waqt din l-istess attivita'.

10.5 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li bil-ligi huwa jista' jwaqqaf lill-Kunsill milli jaghmel attivitajiet li ma jkunux in regola, u wissa li jekk il-Kunsill jiddeciedi li jibqa' ghaddej b'din id-decizjoni, huwa kien ser ikollu jirraporta b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**Nota: 19:55 Il-Kunsillier Edward Torpiano irritorna ghal-laqgha.**
**19:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

10.6 Il-Kunsill qabel li bhas-sena l-ohra, ghandu jtella' konferenza stampa rigward l-attivita' fil-jiem li gejjin.

10.7 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiehu hsieb jordna hamest elef *flyer* biex ikunu jistghu jitqassmu bhala promozzjoni ghal din l-attivita'.

**Nota: 19:58 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

10.8 Is-Sindku Nigel Holland informa li r-reklami fil-gazzetti kienu ha jidhru fis-Sunday Times ta' nhar il-Hadd li gej u ta' wara.

10.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel reklam ta' nofs pagna kemm fuq il-gazzeti tal-Orizzont u tal-Mument.

10.10 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiffinanzja massimu ta' €500 *vehicle wrapping* fuq vann bhala promozzjoni ghal din l-attivita'.

10.11 Rigward it-tindif wara l-attivita', il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni minghand il-kuntrattur tat-tindif mill-aktar fis.

10.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien avvicina xi residenti fi Triq Sant'Anna biex jitfghu karti mill-gallarija taghhom matul l-attivita' u heggeg lill-Kunsilliera jaghmlu l-istess minhabba li dan il-gest johloq atmosfera sabiha hafna waqt l-attivita'.

10.13 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob sponsorship lill-kumpanija Vodafone Malta plc. ghal matul din l-attivita'.

## 11.0 Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-ftehim bil-ghan li ssir applikazzjoni kongunta ghall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

11.2 Il-Kunsill approva li ghandu jiffirma dan il-ftehim u li jiehu sehem f'dan il-ghan.

## 12.0 Impjieg ta' Skrivan (Corporate and Events Support Coordinator)

12.1 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta r-rapport tal-Bord tal-Ghazla dwar l-impjiega ta' skrivan u talab lill-Kunsill biex jiehu decizjoni dwar din l-ghazla.

12.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Floriana jimpjega lis-Sinjorina Denyse Scerri bhala Corporate and Events Support Coordinator peress li ghandha l-kwalifiki necessarji, uriet disponibbilita' u uriet li tipposjedi abilitajiet adegwati biex timla l-post vakanti. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (FD,VB,NH,SSH)
Kontra: 1 (ET)

12.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq kontro proposta biex jigi impjegat is-Sur Joe Spiteri izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant din il-mozzjoni tigi meqjusa bhala wahda nulla.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Noel Castillo kien informah li l-konkorrenza ghall-Festival Nazzjonali tal-loghob tan-nar tal-art mekkanizzat mistennija tkun inqas minn dik tas-snin precedenti minhabba ghalkemm l-applikazzjonijiet kienu ser jibqghu miftuhin sal-20 ta' Dicembru 2010.

13.2 Il-Kunsill qabel li bhala l-organizzatur ta' din l-attivita', ghandu johrog invit mill-Kunsill lil kull kamra tan-nar u jestendi d-data tal-gheluq ghall-applikazzjonijiet sal-ahhar tas-sena biex jinghata cans iehor lil min jixtieq japplika biex jiehu sehem f'dan il-festival. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur dwar dan u dwar l-estensjoni tad-data tal-gheluq ghall-applikazzjonijiet.

13.3 Is-Sindku propona li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghal trofej isbah minn dawk tas-snin precedenti. Il-Kunsill qabel.

## 14.0 Premju ir-Resident tas-Sena Anthony Piscopo

14.1 Is-Sindku propona li jaghti isem lill-premju Resident tas-Sena. Huwa propona li dan il-premju jiehu ismu wara personalita' bhalma ghandhom il-Premju ghaz-Zghazagh u l-Premju ghat-Tfal. Ghaldaqstant is-Sindku ssuggerixxa li l-Premju ir-Resident tas-Sena jissemma' ghas-Sur Anthony Piscopo li kien halla din id-dinja f'dik il-gimgha u li kien ragel li kien ta kontribut kbir lill-lokalita' tal-Floriana.

14.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' din il-proposta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH,ET,FD,VB,SSH)
Kontra: 0

14.3 Ghaldaqstant il-Premju Ir-Resident tas-Sena gie msemmi ghal Anthony Piscopo

## 15.0 Asfaltar ta' Toroq

15.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-bzonn li jigi moghti t-tarmac fi Triq l-Imhazen kantuniera ma' Triq Vilhena, fejn kien anke gie avvicinat mill-Ambaxxatur Taljan dwar l-istadju ikrah ta' din it-triq.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta stima tal-perit biex isir xoghol ta' asfaltar fi Triq is-Suq, Triq il-Miratur, Triq l-Imhazen u Triq Lascaris. Il-Kunsill approva nem.con.

15.3 Is-Sindku nsista li ghandu jinforma lill-kuntrattur biex jibda' x-xoghol fi Triq il-Miratur u Triq is-Suq b'mod immedjat, u sostna li l-kuntrattur ghandu tingibidlu l-attenzjoni biex jsir scarifying halli tinholoq bicca bankina minhabba l-ilmijiet.

## 16.0 Jum il-Housing

16.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li bhalma dejjem ghamel il-Kunsill fis-snin precedenti, ghandu jerga' jaghmel xi attivitita' f'Jum il-*Housing* li tahbat fis-16 ta' Jannar.

16.2 Huwa propona biex din is-sena ssir wirja fuq it-tibdil demografiku fil-Floriana, tnaqqis fil-popolazzjoni u affarijiet relatati ma' dan is-suggett. Il-Kunsill qabel fil-principju ma' din l-idea u qabel ukoll li forsi jqassam *flyers* fid-djar biex jinholoq gharfien fuq dan is-suggett.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jibda' jirreklama lill-Floriana bhala "*Floriana: the place to live*" dan biex tirreklama lill-lokalita' bhala post li toffri minn kollox u hija mfawwra b'facilitajiet u postijiet sbieh ghal kulhadd. Dan jaghmel lill-Floriana lokalita' idejali ghal kull resident. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 17.0 Restawr tal-Monument ta' Dante Alighieri

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li f'laqgha li kellu mal-Ambaxxatur Taljan, kien gie propost li jsir restawr tal-monument ta' Dante Alighieri. Is-Sindku kompla li l-Ambaxxatur Taljan kien lest li jiehu hsieb ir-restawr ta' dan il-monument sakemm il-Kunsill jipprovdi scaffolding.

17.2 Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lis-Sur Noel Galea Bason u lill-Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta u Floriana biex jghinu halli jigi pprovdut dan l-iscaffolding.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-Kunsill jaghti cittadinanzja onorarja lill-Ambaxxatur Paolo Andrea Trabalza ghall-kontribut tieghu li ta fis-snin l-imghoddija. Il-Kunsill approva u ghandu jara meta s-Sur Trabalza jkun jista' jigi Malta biex tinghata din ic-cittadinanza onorarja.

## 18.0 Hwejjeg ohra

18.1 Is-Sindku Nigel Holland rega' ghamel riferenza ghad-dawl ta' Gnien Vilhena u fakkar li ghandha tohrog sejha tal-offerti biex isir studju dwar il-problemi li hemm halli din tigi solvuta. Il-Kunsill qabel nem.con.

18.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Greenpak kienu offrew li jipprovdu u jwahhlu bin hdejn l-iskola primarja minghajr hlas. Il-Kunsill accetta din l-offerta'.

18.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn resident li offra lill-Kunsill jipprovdilu pjanti li jistghu jithawwlu fi Triq l-Isqof Mauro Caruana u li jibda' jiehu hsiebhom hu bla hlas. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jitkellem ma' dan ir-resident u jara x'qed jipproponi.

18.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti li lmentaw li ma kienx hemm bins fil-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jigbed l-attenzjoni lill-kuntrattur dwar dan.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 13 ta' Jannar fil-5:30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.05.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |